MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru. 338/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**KENNETH CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kenneth Caruana ta' 37 sena, bin Vincent u Rose nee' Abela, imwieled gewwa l-Imtarfa nhar is-16 ta' Marzu, 1969, residenti fil-fond imsejjah Massabielle, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 154969(M);

Akkuzat talli bejn Gunju u Novembru 2006, gewwa Hal-Tarxien u gewwa dawn il-Gzejjer, kien il-persuna li kkorrompa ufficjali jew impjegati pubblici jew membru tal-

Kamra tad-Deputati, u cioe' lil John Tanti u Mario Attard, it-tnejn ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta, u dan ai termini tal-Artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta'dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 28B, 49 u 50, 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Kenneth Caruana hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant testendi l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fil-15 ta' Frar, 2006 ghal perjodu massimu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------